MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-28 ta' April, 2005

Numru 312/2005

Il-Pulizija
(Sp Carmelo Magri)
vs
Rashad Nabir Mabrouk,
iben Elharbi, imwieled
Tripoli, Libya fit-22 ta'
Ġunju, 1972

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra l-imputat –

1. talli fl-4 ta' april, 2005 għal ħabta tal-5.10 p.m. mill-ħanut bl-isem 'Centro Casalinga', Triq il-Kapillan Mifsud, Santa Venera kkometta serq ta' apparat għal qtugħ tax-xagħar tal-marka 'Taurus-Arios' għad-dannu tad-diriġenti ta' l-istess stabiliment;

2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi kkometta reat ta' serq waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' sitt xhur priġunerija sospiżi għal sena tat-13 ta' ottubru, 2004 imposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta);
3. talli sar reċidiv skond l-artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tat-13 ta' april, 2005 fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' april, 2005 fejn il-prosekuzzjoni nfurmat il-Qorti li r-refurtiva ġiet irkuprata u il-valur tal-oġġetti hu ta' inqas minn Lm100.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' april, 2005 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 284, 285 u 289(1) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sitt xhur priġunerija. Minbarra dan rat l-artikolu 28B u 28Ċ tal-Kodiċi Kriminali u tordna li s-sentenza sospiża hawn fuq indikat tiġi fis-seħħ u għalhekk tikkundanna lill-imputata għal piena ta' sitt xhur priġunerija a tenur ta' l-istess sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------